# Ir-Riserva Naturali tas-Simar mill-ġdid taħt theddida

## Proposta biex bungalow oħra tinbidel fi blokka ta' appartamenti ta' 7 sulari

L-Awtorità tal-Ippjanar irċeviet applikazzjoni ġdida biex bungalow fi Triq il-Pwales fix-Xemxija tinbidel fi blokka ta' appartamenti ta' seba' sulari quddiem ir-Riserva Naturali tas-Simar. Dan qed iseħħ ftit ġimgħat biss wara l-konferenza tal-aħbarijiet imsejħa minn BirdLife Malta b'rabta mal-approvazzjoni bla sens ta' żewġ applikazzjonijiet oħra tal-ippjanar li huma simili. Aktar kmieni f'Ġunju, BirdLife Malta kienet ikkundannat lill-Awtorità tal-Ippjanar (PA) talli qed toħroġ il-permessi biex isiru żviluppi bħal dawn waqt li kkritikat ukoll lill-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) wara li ma tantx esprimiet tħassib fuq din il-materja.

F'konferenza tal-aħbarijiet fit-8 ta' Ġunju, BirdLife Malta kienet ippubblikat ukoll photomontage li turi kif qed jirriskjaw li jinbidlu l-inħawi ta' Triq il-Pwales, ftit passi 'l bogħod mid-daħla tar-Riserva Naturali tas-Simar. B'reazzjoni għal dan, l-Awtorità tal-Ippjanar kienet ħarġet stqarrija biex tgħid li l-photomontage huwa qarrieqi u akkużat lil BirdLife Malta li qed tħawwad lin-nies dwar x'jista' jfisser l-iżvilupp approvat. Madanakollu, għaddew biss ftit ġimgħat u dak li antiċipajna qed isir realtà, b'din l-applikazzjoni ġdida bin-numru PA/03475/23 li d-deċiżjoni dwarha mistennija tittieħed f'Ottubru.

Il-proposta l-ġdida, imressqa minn Innovative Design Architects, tipprova tpinġi dan l-iżvilupp bħala sempliċi żieda ta' sulari u modifikazzjonijiet f'maisonette, imma d-disinji li faċilment jinstabu online fuq is-sit elettroniku tal-Awtorità tal-Ippjanar juru li din hija tkomplija tat-trasformazzjoni kompleta ta' bungalows fi blokok ta' appartamenti, tefgħa ta' ġebla 'l bogħod mis-Simar, essenzjalment kif urejna fil-photomontage.

Filwaqt li nnutat li l-ERA ma ħadet l-ebda pożizzjoni dwar dan, BirdLife Malta x-xahar li għadda kitbet lill-Kap Eżekuttiv tal-ERA Kevin Mercieca u staqsiet speċifikament lill-awtorità tal-ambjent biex tiddikjara l-pożizzjoni tagħha fuq l-iżvilupp propost biex wara kollox tħares lir-riserva naturali li

tifforma parti min-netwerk Natura 2000 ta' Malta. Ir-risposta tal-ERA, li ddaħħlet ilbieraħ, tisħaq biss fuq tniġġis mid-dawl meta l-iżvilupp ikun lest, u ma tindirizzax impatti potenzjali oħra bħal dawk waqt il-kostruzzjoni, minħabba li l-inħawi diġà huma skedati għall-iżvilupp.

Il-Kap tal-Immaniġġjar tal-Art ta' BirdLife Malta Mark Gauci kkummenta: "Ftit ġimgħat biss wara li għamilna din il-kwistjoni pubblika, qed naraw iseħħ dak li konna qed nibżgħu li se jiġri. Taqta' qalbek tara riserva naturali tiġi soġġetta għal intensifikazzjoni tal-iżvilupp bieb ma' bieb magħha, aktar u aktar meta tara li l-awtoritajiet responsabbli ma tantx għandhom interess li jirranġaw is-sitwazzjoni".

Il-perjodu tar-rappreżentazzjonijiet għall-iżvilupp propost jiskadi fl-14 ta' Lulju u dawk li jixtiequ joġġezzjonaw jistgħu jressqu l-ilmenti tagħhom permezz tas-sit elettroniku tal-Awtorità tal-Ippjanar hawnhekk.

Sadanittant, BirdLife Malta ressqet l-oġġezzjoni tagħha għal dan l-iżvilupp, u qajmet it-tħassib tagħha dwar l-impatti li l-iżvilupp propost se jkollu fuq ir-riserva waqt l-istadju tal-kostruzzjoni u anke fil-fażi operattiva, b'theddida ċara għall-valur kemm ekoloġiku u anke edukattiv ta' din l-art mistagħdra protetta.

"Aħna se nibqgħu noġġezzjonaw għal dan l-iżvilupp u għal kull żvilupp ieħor li jpoġġi fil-periklu dak li essenzjalment huwa l-patrimonju naturali tagħna li qed jittieħed a skapitu ta' inizjattivi biex ħaddieħor jagħmel il-flus. L-ERA rrassenjat ruħha għal dan l-iżvilupp għax jinsab f'żona skedata. Minflok taġixxi fuq il-kwistjoni billi tindirizza applikazzjoni waħda wara l-oħra, l-ERA qiegħda sempliċiment tkun spettatur," kompla jikkummenta l-Kap tal-Konservazzjoni ta' BirdLife Malta Nicholas Barbara.

Fl-aktar applikazzjoni riċenti approvata għal żvilupp qrib is-Simar, l-Awtorità tal-Ippjanar kienet ħadet nota tal-fatt li ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni min-naħa tal-ERA, li kienet qanqlet biss tħassib dwar il-possibbiltà ta' tniġġis mid-dawl u injorat għalkollox l-impatti mill-kostruzzjoni u l-akkumulazzjoni ta' residenti f'żona maġenb ir-riserva naturali. Periti kienu argumentaw li ladarba kienu diġà ġew approvati appartamenti fl-istess triq, applikazzjonijiet oħra m'għandhomx jiġu ttrattati b'mod differenti. Madankollu, f'żewġ deċiżjonijiet riċenti dwar żvilupp f'żoni ODZ (Outside Development Zone) u UCA (Urban Conservation Area), il-Kummissjoni għall-Ippjanar fi ħdan il-PA għamlitha ċara fiż-żewġ każi li l-approvazzjoni ta' żvilupp mod ma jfissirx l-istess għall-bqija. Il-kwistjoni fl-inħawi tas-Simar tibqa' primarjament it-tħaddim ħażin tal-policies tal-ippjanar li BirdLife Malta se tkun qed tikkontesta quddiem tribunal.

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org

**Mehmużin:**

1. (PDF) Kopja tal-pjanti sottommessi mill-periti li juru s-sitwazzjoni tal-maisonette fuq żewġ sulari quddiem ir-Riserva Naturali tas-Simar kif inhi llum, u kif se tinbidel wara l-iżvilupp propost, hekk kif tkompli x-xejra ta' blokok ta' appartamenti ta' bejn seba' u tmien sulari fi Triq il-Pwales, ix-Xewmxija
2. (JPG) Photomontage ta' dak li qed tirriskja r-Riserva Naturali tas-Simar jekk il-policies tal-ippjanar li jippermettu li residenzi għoljin żewġ sulari jinbidlu f'appartamenti għoljin 7-8 sulari jingħataw l-approvazzjoni mill-Awtorità tal-Ippjanar

**Holoq utli (agħfas fuqhom biex tiftaħhom):**

- L-Applikazzjoni għall-Iżvilupp PA/03475/23
- Il-pożizzjoni tal-ERA dwar dan l-iżvilupp
- Oġġezzjona għall-iżvilupp propost
- L-oġġezzjoni mressqa minn BirdLife Malta għall-iżvilupp propost
- Video dwar ir-Riserva Naturali tas-Simar